A.L. 172 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in Theology and Human Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in Theology and Human Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in Theology and Human Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in Theology and Human Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jingħata fit-Teoloġija bħala qasam ta' studju Ewlieni flimkien ma' qasam ta' studju Ewlieni ieħor.

(2) Il-Bord għandu jagħmel arranġamenti ma' fakultajiet u istituti oħra u għandu jħabbar il-lista ta' l-oqsma ta' studju mill-Umanitajiet li jistgħu jittieħdu mat-Teoloġija fil-Grad qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Barra milli jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul bħala studenti regolari skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti għall-Grad għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti speċjali tal-kors rilevanti għat-tieni qasam ta' studju Ewlieni tagħhom kif indikat fl-ordinamenti għall-grad fis-suġġett offrut taħt il-patroċinju tal-fakulta' jew tal-istitut li għandu r-responsabbilta' għall-qasam ta' studju.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. Il-programm ta' studji għandu jkopri:

(a) taqsimiet studju fit-Teoloġija magħżula bħala qasam ta' studju Ewlieni, li għalihom hemm assenjati 94 kredtu, inklużi taqsimiet studju fil-Filosofija li għalihom hemm assenjati 16-il kredtu, u żewġ taqsimiet studju sinottiċi fit-Teoloġija, li għalihom hemm assenjati 12-il kredtu;

(b) taqsimiet studju fit-tieni qasam ta' studju Ewlieni, li għalihom hemm assenjati 80 kredtu; u

(ċ) taqsimiet studju fakultattivi, li għalihom hemm assenjati 6 kredti.

7. (1) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju tat-Teoloġija mfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett jagħmel, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju li qed isegwu għall-Grad.

(2) Il-programmi ta' studju għall-oqsma ta' studju Ewlenin li jistgħu jittieħdu mat-Teoloġija fil-Kors għandhom ikunu ppubblikati bl-istess mod mill-bordijiet ta' l-entitajiet akkademiċi responsabbli għal kull qasam ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors li jingħataw piż skond il-kriterji li ġejjin:

Il-Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju sinottiċi tat-Tielet Sena	40%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju l-oħra tat-Tielet Sena	25%.